SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IS-SEBA’ KUNSILL

**LAQGĦA NUMRU 12-2016 (Laqgħa msejħa b’urġenza)**

Illum is-Sibt 27 ta’ Frar 2016

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fit-8.30 a.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sur Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma’ kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

**ASSENTI**

Il-Kunsilliera Caroline Galea ma setghetx tattendi għal din il-laqgħa minħabba impenji oħra.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

1. **Kwotazzjoni SLLC Q(57-16-01) – Kwotazzjoni għall-servizz temporarju ta' Knis u Tindif ta' Toroq b'Ħarsien lejn l-Ambjent**

Is-Sindku s-Sur Terrence Ellul informa l-Kunsill li f'għeluq l-20 jum mid-deċiżjoni tal-PCRB fir-rigward tal-Kuntratt SS(57-15-03) Knis u Tindif ta' Toroq b'Ħarsien lejn l-Ambjent, reġa' kien hemm appell fil-Qorti tal-Appell. Huwa qal ukoll li hu u s-Segretarju Eżekuttiv ġew imħarka wkoll mill-Kuntrattur Owen Borg fir-rigward ta' ħlas ta' servizz għax-xhur ta' Diċembru 2015 u Jannar 2016. Is-Sindku qal li fil-perjodu msemmi l-Kunsill kera servizz ta' emerġenza b'*direct order* fuq parir tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali. Dan biex il-Kunsill ma jibqax mingħajr servizz wara li l-Kunsill kellu jwaqqaf il-proċess tal-għoti tal-Kuntratt minħabba li kien sar appell mal-PCRB fuq id-deċisjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' dan il-Kuntratt. Huwa qal li s-Sur Owen Borg ma ta' l-ebda servizz lil Kunsill fix-xhur ta' Diċembru 2015 u Jannar 2016.

Is-Sindku qal li issa rridu naraw kif ser inmexxu u nkunu flimkien biex nindirizzaw din is-sitwazzjoni. Huwa qal li din il-laqgħa ġiet imsejħa b'urġenza wara li s-sitwazzjoni tal-indafa fil-lokalita marret għall-agħar matul ix-xahar ta' Frar 2016 u qed tirrifletti ħażin fuq l-operat tal-Kunsill. Il-Kunsill innota lir-residenti mhumiex kuntenti bis-servizz li qed jingħata u dan jidher biċ-ċar minn numru ta' ilmenti li saru kemm bit-telefon kif ukoll bl-ittri li rcieva l-Kunsill f'dan ir-rigward.

Il-Kunsillier Bonello qal li dan ix-xahar ir-residenti qed jikinsu huma u kull fejn iddawwar wiċċek tisma' l-garr. Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li dan ix-xahar l-ilmenti kienu xi ħaġa aktar. Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li saru bil-miktub u ġie nutat li kitbu nies prominenti residenti f'Santa Luċija għal aktar minn ħamsin sena li ddiskrivew din is-sitwazzjoni bħala mingħajr preċedent. Saret referenza wkoll għar-rapport li għamlu l-ħaddiema li jkunu f'Santa Luċija b'mod regolari li sostnew li l-kennies jiġbor iż-żibel u jarmih fiċ-ċanet tal-ħamrija.

Il-Viċi Sindku rrefera għall-appell li sar quddiem il-Qorti tal-Appell u qal li l-Kunsill għandu jieħu parir legali dwar jekk il-Kunsill jistgħax jibqa' jiġi mfixkell fl-operat tiegħu b'dan il-mod. Huwa qal li qed irressaq mozzjoni b'urġenza biex din il-laqgħa tiddiskuti wkoll affarijiet marbuta ma' dan l-appell. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Joe Bonello.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi u s-Sindku diġa kellmu lill-avukat tal-Kunsill fuq dan u ser jara x'passi jistgħu jittieħdu u jiġġwida l-Kunsill fuq hekk.

Is-Sindku għamilha ċara li l-Kunsill sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza mhux għax hemm l-appell iżda biex jieħu l-azzjoni neċessarja biex jindirizza s-sitwazzjoni preżenti.

Il-Kunsill qabel fuq dawn il-punti kif ġej:

- **Kwotazzjoni SLLC Q(57-16-01) – Kwotazzjoni għall-servizz temporarju ta' Knis u Tindif ta' Toroq b'Ħarsien lejn l-Ambjent –** Il-Kunsill qabel lis-servizz temporarju li kera mingħand il-kuntrattur is-Sur Owen Borg għal perjodu ta' xahar ma jiġix imġedded minħabba li l-Kunsill mhux sodisfatt bis-servizz. Il-Kunsill qabel li jinkariġa kuntrattur ieħor is-Sur Lino Micallef li l-offerta tiegħu għal istess sejħa kienet ekwivaltenti għal dik tas-Sinjur Owen Borg. Is-Sur Micallef għandu jipprovdi dan is-servizz għal perjodu ta' xahar mill-ewwel ta' Marzu 2016 sal-31 ta' Marzu 2016. Il-Kunsill ikun qed jiddeċiedi jekk iġġeddidtx dan il-kuntratt skond is-servizz li jingħata fil-perjodu msemmi.

- Kopja tal-*work plan* stabbilita' mill-Kunsill u li kienet tifforma parti mid-dokument għas-sejħa hawn fuq imsemmija għandha titqassam f'kull dar ħalli r-residenti jkunu nfurmati meta t-triq tagħhom għandha tiġi mnaddfa u miknusa. Il-Kunsill qabel li b'hekk ir-residenti jkunu huma stess viġilanti fuq is-servizz li qed jingħata.

- Għandha tintbagħt ukoll ittra lir-residenti fejn tintalab il-koperazzjoni tagħhom f'din is-sitwazzjoni.

- Għandu jiġi nkarigat ħaddiem tal-ETC li għandu assenjat miegħu l-Kunsill biex jimmoniterja dan is-servizz u jara li dan qed jingħata skond il-*work plan* stabbilita' mill-Kunsill.

## 3 TMIEM

Il-Laqgħa ntemmet fis-9.30a.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ………………,..... ta' ………………… 2016**

**Terrrence Ellul**
**Sindku**